



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2012/2097(INI)

6.12.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva: promozzjoni tal-interessi tas-soċjetà u triq lejn l-irkupru sostenibbli u inklużiv
(2012/2097(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Grèze

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li minħabba l-eteroġeneità tal-kunċett tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, fejn kumpanniji differenti żviluppaw standards differenti dwar il-kontabilità, l-awditjar u r-rappurtar, il-livelli tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva diffiċli jitqabblu; jenfasizza li r-regolazzjoni maqbula f'livell internazzjonali fil-kuntest tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva toħloq fiduċja u ekwità fir-relazzjonijiet kummerċjali u jkollha l-benefiċċji taċ-ċertezza, l-infurzabbiltà progressiva, l-universalità u l-ġhoti tas-setgħa lill-partijiet interessati;
2. Jaqbel mal-Kummissjoni li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva trid tkopri d-drittijiet tal-bniedem, il-prattiki fil-qasam tax-xogħol u l-impjieg, il-kwistjonijiet ambjentali (bħall-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi) u l-ġlieda kontra t-tixħim u l-korruzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa (jiġifieri t-trasparenza, l-iskambju tal-informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa);
3. Jirrimarka li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tkopri diversi standards soċjali iżda dawn f'it li xejn huma enfasizzati peress li ma ġewx stabbiliti indikaturi li jippermettu l-kejl tal-progress miksub fil-livell soċjali;
4. Jenfasizza li l-impriżi li jimpenjaw ruħhom favur ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati faċilment mill-investituri u l-konsumaturi sabiex jiġu inkoraġġiti fl-isforzi tagħhom;
5. Jinsisti sabiex l-UE teżamina l-possibbiltà li tagħti spinta lill-impriżi li jieħdu impenn favur ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, permezz ta' marka jew tikketta li tiġi assenjata lill-isem tal-impriża jew tal-prodott ikkonċernat;
6. Jirrimarka li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva hija l-aħjar għodda sabiex il-kumpanniji juru l-impenn, is-solidarjetà u r-responsabbiltà tagħhom lejn is-soċjetà u hija wkoll essenzjali biex jintlaħaq l-oġettiv tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD); jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni li tippromwovi r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva b'konsistenza sħiħa mal-linji gwida internazzjonali attwali, b'mod partikolari l-Linji Gwida għall-Impriżi Multinazzjonali tal-OECD, l-għaxar prinċipji tal-Patt Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Istandard Gwida dwar ir-Responsabbiltà Soċjali ISO 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji fir-rigward tal-Impriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-ILO, u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; jiddispjaċih, madankollu, li l-lingwaġġ tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fil-parti l-kbira tiegħu huwa volontarju;
7. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lill-SMEs dwar l-eżistenza tal-Patt Dinji li bis-saħħa tiegħu l-impriżi jieħdu l-impenn li jallinjaw l-operazzjonijiet u l-istrateġiji tagħhom ma' għaxar prinċipji aċċettati b'mod universali li jkopru d-drittijiet tal-bniedem, l-istandards tax-xogħol, l-ambjent u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

8. Jenfasizza li l-Patt Dinji tan-NU u l-istandards ISO 26000 mhumiex adattati biżżejjed għall-SMEs u li dan iċċekken l-impatt tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fil-livell Ewropew;
9. Jenfasizza li huwa utli li fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali jiġu eżaminati l-mezzi ta' inċentiv fiskali li jistgħu jippermettu l-promozzjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva mal-ikbar numru possibbli ta' impriżi;
10. Jenfasizza li, bħala impenn purament volontarju, ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva taf ma tkunx biżżejjed biex tittratta l-esternalitajiet li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-kumpanniji multinazzjonali, inklużi l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-degradazzjoni ambjentali; itenni t-talba tiegħu sabiex l-investituri u l-kumpanniji barranin li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi legalment vinkolanti fil-livell internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ambjentali u l-istandards tax-xogħol ewlenin tal-ILO kif ukoll il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem; jitlob li l-politiki tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva jinkludu wkoll miżuri speċifiċi maħsuba biex jindirizzaw il-prattika illegali li permezz tagħha ħaddiema jitqiegħdu fuq "lista sewda" u jinċaħdu l-aċċess għall-impjieg, ħafna drabi minħabba s-sħubija jew l-attivitajiet tagħhom f'xi trade union jew ir-rwol rappreżentattiv tagħhom fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà;
11. Jenfasizza l-fatt li l-kumpanniji għandhom jitħeġġew jimplimentaw prassi tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, u li kumpanniji li diġà implimentaw tali prassi għandhom jitħeġġu jfittxu li jilħqu l-għanijiet tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; jitlob lill-Kummissjoni tqis inċentivi, bħall-għoti ta' prijorità f'kuntratti ta' akkwist pubbliku tal-UE, sabiex il-kumpanniji jaslu biex iħarsu lejn ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva bħala opportunità u mhux bħala theddida;
12. Jenfasizza li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għandha twassal sabiex ikun hemm impenji ċari favur ir-rispett għad-drittijiet, il-protezzjoni u l-benesseri tal-ħaddiema b'indikaturi tal-prestazzjoni u punti ta' riferiment ċari għall-kejl tat-titjib, u li għandu jsir provvediment għal monitoraġġ oġġettiv, inklużiv u trasparenti u mekkaniżmi effikaċi ta' għoti ta' rendikont u ta' infurzar biex jiġu indirizzati każijiet ta' nuqqas ta' konformità, inkluża proċedura aktar miftuħa u ċara għat-tressiq u l-ikkunsidrar tal-ilmenti u għat-tnedija ta' investigazzjonijiet meta jkun meħtieġ;
13. Itenni li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għandha tkun applikabbli għall-impriżi kollha biex ikun hemm kundizzjonijiet ġusti u ugwali għal kulħadd; madanakollu, jirrimarka li l-mod kif l-industriji estrattivi joperaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jirrikjedi li wieħed imur lil hinn minn approċċ volontarju; jenfasizza li l-investment fin-Niġerja min-naħa tal-industrija tal-pitrolju huwa eżempju tajjeb tal-limitazzjonijiet tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva kif implimentata bħalissa, fejn kumpanniji naqsu milli jieħdu inizjattivi tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva biex joħolqu Prattiki ta' negożju sostenibbli, jew jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-istati ospitanti tagħhom; isostni bil-qawwi l-proposta leġiżlattiva għal rappurtar għal kull pajjiż abbażi tal-istandards tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI), fir-rigward tar-rappurtar tal-bejgħ u l-profitti, kif ukoll it-taxxi u d-dħul, sabiex tiġi skoraġġita l-korruzzjoni u evitat l-evitar tat-taxxa; jistieden ukoll lill-industriji estrattivi Ewropej li

joperaw fpajjiżi li qed jiżviluppaw biex jagħtu eżempju ta' responsabbiltà soċjali u jippromwovu x-xogħol deċenti;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu inizjattivi ulterjuri mmirati lejn l-iżblukkar u t-tiżni tal-potenzjal tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva li tindirizza t-tibdil fil-klima (billi torbotha mal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija), pereżempju fil-proċess tax-xiri ta' materji primi mill-kumpanniji;
15. Jenfasizza li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għandha tapplika għall-katina kollha tal-provvista globali, inklużi l-livelli kollha ta' sottokuntrattar, li fil-provvista kemm ta' prodotti, kemm ta' ħaddiema kif ukoll ta' servizzi, għandha tinkludi dispożizzjonijiet biex testendi l-protezzjoni għall-ħaddiema migranti, il-ħaddiema temporaniji permezz tal-aġenziji u l-ħaddiema stazzjonati, u li għandha tkun imsejsa fuq pagi ġusti u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u tiggarrantixxi d-drittijiet u l-libertajiet fir-rigward tat-trade unions; huwa tal-fehma li l-kunċett tal-Ġestjoni Responsabbli tal-Katina tal-Provvista jeħtieġ li jiġi elaborat aktar bħala mekkaniżmu għat-twettiq tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva;
16. Huwa tal-fehma li, biex ikollha impatt ġenwin fuq it-tnaqqis tal-faqar, l-aġenda tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva għandha wkoll tiffoka fuq l-SMEs billi l-impatti soċjali u ambjentali kumulattivi tagħhom huma sinifikanti;
17. Iqis li l-kumpanniji tal-UE għandhom ikunu legalment responsabbli u li mekkaniżmi differenti ta' obbligu ta' rendikont u responsabbiltà għandhom jiġu implimentati bejnhom u bejn is-sussidjarji tagħhom u bejn l-entitajiet li jikkontrollaw fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; jilqa', barra minn hekk, il-ħidma li saret mis-soċjetà ċivili tal-UE, li ilha impenjata b'mod attiv fit-tqajjim tal-kuxjenza dwar ksur li sar minn dawn il-kumpanniji barra mill-UE;
18. Jinsisti li huwa d-dmir tal-istat li jipproteġi minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, inkluż mill-kumpanniji, li jżomm responsabbli lill-kumpanniji, li jiddefendi l-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet ta' negozjar kollettiv u li jipprovdi aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi; jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi miżuri effikaċi biex tibda tħaddem il-Qafas Ipproteġi, Irrispetta u Irrimedja tan-NU propost minn John Ruggie, ir-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem;
19. Jenfasizza li l-implimentazzjoni aħjar tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem se tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi marbutin mad-drittijiet tal-bniedem u standards ewlenin tax-xogħol; għalhekk, jistieden lill-UE tistinka favur qafas ġuridiku internazzjonali ċar dwar ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-kumpanniji fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;
20. Jilqa' l-fatt li n-numru ta' kumpanniji li qed jiżvelaw informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) tagħhom kiber b'mod sinifikanti dawn l-aħħar snin; madankollu, jindika li l-kumpanniji li jirrapportaw tali informazzjoni xorta għadhom jirrappreżentaw sehem żgħir tan-negozju globali; jinnota li, filwaqt li d-Direttiva (2003/51/KE) dwar l-Immodernizzar tal-Kontijiet tal-UE¹ tiżgura livell minimu

¹ ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16.

ta' żvelar ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin kemm finanzjarji u kemm mhux finanzjarji, din ma tistabilixxi l-ebda rekwiżit fir-rigward tat-tip ta' indikaturi li jridu jiġu inklużi fir-rapporti annwali; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga aktar il-miżuri possibbli li jsaħħu l-iżvelar tal-informazzjoni ESG fl-livell Ewropew;

21. Jenfasizza li l-għajnuna li l-UE tagħti lill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi biex jimplementaw regolamentazzjoni soċjali u ambjentali kif ukoll reġimi ta' spezzjoni effikaċi tikkostitwixxi komplement meħtieġ sabiex ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tan-negożji tal-UE tikseb progress fid-dinja kollha;
22. Jenfasizza li l-Investment Soċjalment Responsabbli (ISR) jagħmel parti mill-proċess ta' implimentazzjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fid-deċiżjonijiet marbutin mal-investment; jinnota li bħalissa ma teżisti l-ebda definizzjoni universali tal-ISR iżda s-soltu dan jgħaqqad l-għanijiet finanzjarji tal-investituri mal-preokkupazzjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet soċjali, ambjentali, etiċi u ta' governanza korporattiva;
23. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu inizjattivi ulterjuri ta' politika mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni u t-tisħiħ tal-iżvilupp tal-ISR, pereżempju billi jikkunsidraw it-tfassil ta' qafas ġuridiku għall-istandards minimi ta' ISR, speċjalment fl-ambitu tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tal-UE ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw;
24. Jinnota li r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva hija mekkaniżmu li permezz tiegħu min iħaddem jista' jappoġġa lill-ħaddiema u lill-komunitajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li hija tista' tiżgura li l-qligħ jinqasam b'mod ekwu sabiex tiġi żviluppata prosperità ekonomika u soċjali sostenibbli u sabiex aktar nies jintrefgħu mill-faqar, speċjalment fi żmenijiet ta' kriżi finanzjarja; jiddispjaċih li l-protokolli għall-intervent soċjali bħalissa huma biss volontarji u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmilhom vinkolanti;
25. Jappella sabiex l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, inklużi t-trade unions, jiġu kkonsultati u involuti b'mod sħiħ u attiv fl-iżvilupp, it-tħaddim u l-monitoraġġ tal-proċessi u l-istrutturi ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tal-kumpanniji, inkluż permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-ħaddiema bis-saħħa tat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li jaħdmu ma' min iħaddem f'approċċ ta' sħubija ġenwina.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.12.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Keith Taylor, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Daniël van der Stoep, Anna Záborská, Iva Zanicchi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Guerrero Salom, Cristian Dan Preda
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu, Emilio Menéndez del Valle, Helmut Scholz